MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 59

30 ta’ Jannar 2024

Minuti tas-seduta Nru. 59 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f’Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 30 ta’ Jannar 2024 fil-5:30 pm.

### Attendenza u qari ta’ ittri ta’ apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra l-Kunsillier R. Bartolo Cutajar, li kienet qed tipparteċipa b’mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista’ jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 58 tas-27 ta’ Diċembru 2023 ġew approvati mingħajr tibdil fis-sustanza tal-kontenut. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 7247/23 – Bini ta’ lukanda ta’ 3 stilel fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Mons. Mose’ Debono (P/5/8/G)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar skond id-deċiżjoni li ttieħdet. Sussegwentement intalbet laqgħa mal-Kunsill mill-iżviluppaturi li saret fit-22 ta’ Jannar 2023, li għaliha attendew ukoll is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, R. Bartolo Cutajar, E. Bartolo, K. Buttigieg, u J. Gauci.

2.1.3. Fl-imsemmija laqgħa, il-perit tal-iżviluppatur aċċenna li fi Triq Monsinjur Mose’ Debono jeżistu garaxxijiet oħra u għalhekk ma’ ma treġġix l-oġġezzjoni li għamel il-Kunsill f’dan is-sens.

2.1.4. In-naħa tal-Kunsill irribattiet dan, peress li t-tqassim ta’ merkanzija jsir permezz ta’ vetturi kummerċjali ta’ ċertu daqs.

2.1.5. Il-perit tal-iżviluppatur aċċenna wkoll għall-oġġezzjoni tal-Kunsill li jsir parkeġġ riżervat fi Triq Ġorġ Borg Olivier, u rrimarka li l-fergħa tal-HSBC Bank kellha tali faċilitajiet;

2.1.6. In-naħa tal-Kunsill irribattiet li l-faċilitajiet li kellu l-bank kienu għal raġunijiet ta' sigurtà, fejn l-ipparkjar kien isir għal perjodi qosra ħafna. Ġie innutat ukoll, li lukanda ferm ikbar li hemm ftit 'l isfel fuq l-istess naħa tat- triq, m'għandhiex tali faċilitajiet, u għalhekk m'għandux jinħoloq preċedent. Minn naħa l-oħra ma ġiex eskluż l-allokazzjoni ta' faċilitajiet fuq in-naħa l-oħra tat-triq, liema faċilitajiet ikunu jistgħu jibbenefikaw minnhom neġozji tal-qrib.

2.1.7. Dwar l-impatt viżwali li jħallu l-ħitan tal-appoġġi, l-iżviluppaturi qalu li dan ser jitnaqqas billi l-ħajt jittarraġġ, skond pjanta li għad trid tiġi sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar.

2.1.8. Ġew innotati l-kuntatti li saru, filwaqt li kkonferma l-pożizzjoni addottata mir-rappreżentanza tal-Kunsill.

**2.2.1. *Pedestrian crossings* fil-Manikata** **(T/3/2/Vol XVI)**

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li fis-16 ta' Jannar 2023 saret spezzjoni fil-Manikata flimkien ma' rappreżentanti mill-Assoċjazzjoni tar-Residenti, flimkien mal-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunillier E. Bartolo, u l-uffiċjal M. Gambin. Mill-istess laqgħa fuq il-post ġie rrakkomandat li flimkien mal-*pedestrian crossing* diġa approvata għandha ssir oħra fit-triq li tiġi biswit Misraħ il-Parroċċa. fi Triq il-Mejjiesa, u oħra fi Triq il-Knisja l-Qadima, quddiem il-knisja l-qadima.

2.2.3. Il-Kunsill ma' ħax deċiżjoni finali dwar is-siti msemmija qabel li ssir laqgħa fuq il-post mal-uffiċjali konċernati.

**2.3.1. Il-Villaġġ tal-Milied** **(A/5/6/3/Vol XVII)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3.3. tas-seduta preċedenti u għarrfet li għall-attività illi saret għat-tfal fis-Sala Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja,, bħala parti mill-Villaġġ tal-Milied, nhar is-Sibt 6 ta' Jannar 2024. Hija għarrfet li kien hemm attendenza tajba ta' madwar 150 tifel u tifla. L-attività kienet animata minn karattri popolari fost it-tfal, kif ukoll tqassmu kotba u ikel f'baskett bil-logo tal-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Livell ta' indafa fil-latrini pubbliċi** **(K/6/1/Vol VI)**

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.9.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-kuntrattur responsabbli mil-latrini pubbliċi mpjega persuna ddedikata għal dan is-servizz, u issa jidher li qed jingħata servizz sodisfaċenti.

2.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li bi ftehim mal-persuna konċernata qed jintbagħtu kuljum tliet settijiet ta' ritratti meħuda f'kull latrina wara li din titnaddaf filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija. Huwa qal li mhux eskluż illi bejn kull tindifa u oħra jkun hemm minn iħalli l-ħmieġ.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel illi kuntratt ġdid għandu jipprovdi għal żewġ fattiġi – wieħed ibbażat fil-Bajja tal-Mixquqa u ieħor fil-latrina ta' nofs-il bajja fl-Għadira.

**2.5.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar f'inħawi Tad-Dahar u biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar** **(T/6/1/Vol IV)(A/3/Vol III)**

2.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.2.3. tas-seduta preċedenti u għarfet li t-tindif volontarju u tħawwil ta' siġar li kellu ssir nhar il-Ħadd 4 ta' Frar 2024 f'Żona Ċ għall-ikkampjar, biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar, ġie trasferit għal nhar il-Ħadd 25 ta' Frar 2024 bejn it-8:30am u l-10:00am.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Jum il-Kunsill 2023 u s-sehem ta' tal-ex-Sindku Joseph Borg fil-Ġemellaġġ Mellieħa-Adenau (A5/3/1/Vol XXIV)(K/1/5/Vol IV)

2.6.2. Għal din il-parti tas-seduta attendew wlied l-ex-Sindku J. Borg: is-Sinjuri Mark Borg, Christina Galea Curmi, u Janet Vella. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikunu jistgħu jsiru nterventi minn naħa tagħhom.

2.6.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg spjega li l-lapida li tfakkar is-sehem tal-ex-Sindku J. Borg ġiet mogħtija mill-Kunsill Lokali ta' Adenau, biex tfakkar il-kontribut tiegħu għall-ġemellaġġ Mellieħa/Adenau. Ix-xewqa tas-Sindku ta' Adenau A. Hoffmann kienet li din titwaħħal fl-uffiċċju, iżda sabiex tingħata aktar viżibilità ġie deċiż li titwaħħal fi Ġnejnet il-Kunsill. Is-Sur J. Buttigieg spjega li qatt ma kien hemm skop li titnaqqas l-istima li jġawdi Joseph Borg, għaliex fuq bażi personali dejjem kien hemm rispett riċiproku u kollaborazzjoni sħiħa bejniethom f'dik li hija ħidma marbuta mal-Kunsill Lokali.

2.6.4. Il-familjari tal-ex-Sindku J. Borg qalu li huma kienu ddiżappuntati minħabba li ma kinux mgħarrfa minn qabel dwar il-kxif tal-lapida, minkejja li kienet tinvolvi l-ħidma ta' missierhom. Minn naħa oħra aċċettaw l-ispjegazzjoni mogħtija għaliex ma jidhirx li kien hemm xi ntenzjoni ħażina minn naħa tal-Kunsill.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Proġett ta' Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

3.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċenna għal nuqqasijiet b'rabta mal-proġett imsemmi, li jinkludu:

(a) l-ħtieġa ta' puġġaman fi Triq l-Inkurunazzjoni peress li l-ħajt huwa baxx;

(b) l-introduzzjoni mill-ġdid tal-ispazji għall-vetturi ta' persuni b'diżabilità f'Misraħ il-Parroċċa; u

(c) tabelli li jobbligaw lis-sewwieqa jipparkaw bil-vetturi tagħhom jħarsu lejn il-bini.

3.1.3. Il-punti mqajma ġew innutati bil-għan li tittieħed azzjoni.

### 3.2.1. *Outdoor gym* fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna għall-minuta 5.6.2. fil-minuti tas-seduta preċedenti u staqsa jekk huwiex possibbli li jinstab spazju ieħor fil-Park tal-Familja minflok dak indikat fl-ewwel fażi tal-Park tal-Familja.

3.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ispazju alterattiv possibilment jista' jkun fejn hemm il-*Picnic Area*, bitwit il-*multi-purpose court.* Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post sabiex jiġi determinat il-post eżatt.

### 3.3.1. Stat tas-siġar fit-Telgħa ta' Selmun (A/3/Vol III)

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 3.1.3. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm xi rispons minn naħa tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar is-suġġett.

3.3.3. Is-Segretarju wieġeb li l-Awtorità għaddiet il-każ lill-Ambjent Malta.

### 3.4.1. Ċaqlieq tal-*bus stop* "Pitirross" fi Triq il-Kbira (B/6/Vol II)

3.3.4. Il-Kunsillier J. Gauci staqsa dwar il-possibiltà li l-*bus stop* imsemmi jitneħħa minn bi dritt Triq Għajn Żejtuna u jersaq fil-post oriġinali tiegħu, fejn hemm il-*bus bay*.

3.3.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba ikun għaddej xi xogħol ta' kostruzzjoni fil-post oriġinali, il-*bus bay* għandha tiġi spusstjata fejn temporanjament tressqet it-tabella tal-*bus stop*.

3.3.6. Is-Segretarju Eżekuttv C. Debono wieġeb li Transport Malta mhumiex lesti li jċaqalqu xejn, għaliex il-post oriġinali għadu qed jiġi wżat meta ma jkunx hemm vetturi/makkinarju tal-kostruzzjoni, ipparkjati fil-*bus bay*.

### 3.4.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk kienx żviluppi fuq l-asfaltar tat-triq imsemmija.

3.4.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb li dan is-suġġett ser jitqajjem waqt laqgħa mal-Ministru l-ġdid għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor Dr C. Bonett.

### 3.5.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI).

3.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm żvluppi fuq dan is-suġġett.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li saru żewġ *pilot holes* f'art tal-court u minn dak li rriżulta minnhom għandhom jiddetermina l-kontenut tal-*bill of quantities* li jrid jiġi rivedut mill-perit.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty-Cash* – 01/12/23 – 31/12/23;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 29/01/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/12/23 – 29/01/24;
- Estimi Finanzjarji 2024 dettaljati;
- Rendikont tal-ispejjeż marbuta mal-Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa 2023;
- Minuti – Kunsill Reġjonali – 18/12/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Attivitajiet f'Malta marbuta mal-15-il anniversarju tal-ġemelaġġ u simposju f'Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

5.1.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għaż-żjara ta' delegazzjoni mill-Comune di Cavriglia li seħħet bejn it-18 u l-20 ta' Jannar 2024, fl-okkażjoni tal-ħmistax-il anniversarju mill-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Cavriglia. Id-delegazzjoni kienet magħmula mis-Sindku L. Degli Innocenti O Sanni; l-Viċi Sindku F. Boni, l-*Assessore* T. Stagi, l-uffiċjal S. Ghironi, u l-ex-Sindku I. Ferri. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għaż-żjajar li saru lill-Ambaxxatur Taljan f'Malta l-E.T. F. Romano, u l-Ministri tal-Ġustizzja l-Onor. Dr J. Attard u dak tat-Turiżmu l-Onor. C. Bartolo. Saret ukoll żjara fil-bini tal-Parlament li kienet kordinata ma' l-Onor. R. Cutajar. Is-Sur J. Buttigieg qal li dawn iż-żjarat kienu nteressanti ħafna għad-delegazzjoni sabiex jiffamiljarizzaw rwieħhom mal-ħidma rispettiva, kif ukoll mal-amministrazzjoni tal-pajjiż in ġenerali.

5.1.3. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta wkoll li kienet ideja tajba li s-serata illi fakkret dan l-anniversarju saret fis-sede ta' waħda mill-għaqdiet mużikali, proprju dik tas-Società Filarmonica La Vittoria. Aċċenna wkoll għall-għajnuna li ngħatat mis-Sinjura Ivana Legname li hija mpenjata f'ħidma intiża sabiex tippromwovi kuntatti kulturali bejn Malta u l-Italja.

5.1.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 24 ta' Jannar 2024, fejn il-Comune di Cavriglia stieden lill-Kunsill sabiex jipparteċipa f'simposju li ser isir f'Cavriglia bejn id-9 u t-12 ta' Mejju 2023. It-tema tal-simposju ser tittratta l-atti li saru mill-forzi Nazi Faxxisti fir-Reġjun tat-Toscana fil-perjodu tat-Tieni Gwerra Dinjija.

5.1.5. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan is-simposju bl-attendenza tal-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri M. Abela, A. Brincat Stellini, E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

**5.2.1. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali (M/4/2/Vol II)(B/5/Vol IV)**

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għal-laqgħa li saret mal-Onor. Alison Zerafa Civelli fis-26 ta' Jannar 2024, li għaliha attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-Kunsillieri A. Brincat Stellini u J. Gauci, flimkien mal-impjegati tal-Kunsill. Kompla jgħid li s-suġġetti li ġew diskussi kienu:

- In-nuqqas ta' komunikazzjoni u konsultazzjoni minn ċerti entitajiet governattivi mal-Kunsill;
- Is-sitwazzjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin fil-qalba tal-Mellieħa;
- L-estensjoni tal-Iskola u l-parkegg;
- Volum elevat tat-traffiku li jgħaddi mill-Manikata;
- Reviżjoni tal-Pjan Lokali tal-Majjistral b'mod speċjali f'dak li jirrigwarda l-Politika Rurali;
- Tiswija ta' ħsara ikkawżata minn ħruġ ta' ilma fi Triq il-Wied Ta' Ruman;
- L-Attivitajiet Kulturali u s-sostenn għalihom mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali; u
- Leġiżlazzjoni dwar *caravans*.

5.2.3. Is-Sindku D. Vella għarraf li ntalbet laqgħa mal-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura, u Xoglijiet Pubbliċi l-Onor. C. Bonett dwar il-punti msemmija aktar 'il fuq li jaqgħu fid-dekasteru tiegħu.

5.2.4. Is-Sur C. Debono qal li għandha ssir laqgħa dwar is-sit magħżul għall-*caravans* fil-Qortin it-Twil, mal-Ministru tal-Kultura, l-Wirt Kulturali, u l-Gvern Lokali l-Onor. O. Bonnici fit-2 ta' Frar 2024. Huwa fakkar li wara laqgħat li saru ma' xi għaqdiet tas-sidien tal-*caravan*s, kienet saret rappreżentazzjoni sabiex dawn jiġu rikonoxxuti fir-rigward ta' spazji riżervati għalihom fit-tliet siti li ġew identifikati.

5.2.5. Il-Kunsillier G. Micallef ikkummenta li hu għandu riżervi dwar dan għaliex, partikularment dwar is-sit ta' Qortin it-Twil billi hemm pjanijiet sabiex jiġi żviluppat bil-faċilitajiet meħtieġa minn fondi pubbliċi. Kompla jgħid li ħadd m'għandu jkun privileġġjat fuq ħaddieħor meta l-faċilitajiet ikunu ġew iffinanzjati b'dan il-mod. Huwa qal li l-permessi għandhom jinħarġu fuq bażi ndividwali li ma jkunux jeċċedu t-termini massimi stabbiliti fl-avviż legali.

5.2.6. Il-Kunsill qabel li l-punt imqajjem fil-minuti preċenti huwa validu fl-eventalità li d-domanda għall-użu ta' Qortin it-Twil tiżdied la darba s-sit jiġi żviluppat bħala *caravan site* formali.

### 5.3.1. PA 4255/23 – Żvilupp ta' *units* residenzjali fl-Għerien il-Ħida (P/5/8/G)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għal laqgħa nformali li saret dwar l-applikazzjoni ,msemmija, li tinvolvi t-twaqqigħ ta' serra, appartamenti u ristorant, u bini ta' sitt *units* residenzjali bil-pixxini u ħitan tas-sejjieħ. Il-laqgħa saret fit-22 ta' Jannar 2024 u ssejħet billi dan qed jiġi kkunsidrat proġett maġġuri u hekk il-Kunsill għadu d-dritt tal-vot fuq il-Bord tal-Ippjanar. Għall-istess laqgħa attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, R. Bartolo Cutajar, G. Micallef, E. Bartolo u K. Buttigieg.

5.3.3. Waqt il-laqgħa kien rikonoxxut li l-bini eżistenti huwa kopert bil-permess fl-intier tiegħu. Kien innotat ukoll li l-*case officer* irrakkomanda l-approvazzjoni tat-talba peress li huwa konformi mar-*Rural Policy* tal-Pjan Lokali f'dak li jirrigwarda żvilupp ġdid għal skop residenzjali, fejn ikun hemm strutturi mitluqa.

5.3.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali oġġezzjonat għall-iżvilupp peress jinsab qrib għerien trogloditi, filwaqt li l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi ma oġġezzjonatx minkejja li qed tirrikonoxxi li l-inħawi huma rurali u ambjentalment sensittivi. Ikkummentaw ukoll li l-impronta tal-bini eżistenti m'għandhiex tinqabeż, kif ukoll li l-għoli tiegħu għandu jirrispetta t-topografija tal-post. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li l-proposta tinvolvi mpronta inqas minn dik eżistenti (1,800 m.k.)

5.3.5. Il-Kunsillier G. Micallef irrimarka li l-Kunsill għandu joġġezzjona, għaliex l-art in kwistjoni tinsab 'l barra miż-żona tal-iżvilupp u għaldaqstant l-art in kwistjoni għandha tiġi rijabilitata.

5.3.6. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu joġġezzjoni, billi l-proposta tinvolvi binjiet li mhumiex ta' natura rurali, u għaldaqstant jirrendi l-inħawi ta' Għerien il-Ħida bħala żona urbana, u hekk jinħoloq preċedenti li jista' jiġi applikat fi proprjetajiet oħra fil-madwar.

### 5.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq il-Qorti (T/3/2/Vol XVI)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datata 4 ta' Jannar 2024, fejn persuna tenniet l-ilmenti tagħha li jeħtieġ jiġu ntrodotti *speed humps* fit-toroq imsemmija. L-istess persuna ġie nfurmat tramite l-Pulizija tal-Komunità, li fil-każ ta' Triq il-Qortin, kien tqassam kwestjonarju fost ir-residenti kollha (29), li r-riżulta kif ġej:

| | **Rispons** | **Mistoqsijiet** |
|---|---|---|
| Iva | 4 | Inti taqbel li sewqan b'veloċita` eċċessiva fi Triq ix-Xagħra Ta' Barra jiġi kkontrollat permezz ta' *speed humps*? |
| Le | 5 | |

| | | |
|---|---|---|
| Iva | 4 | Jekk it-tweġiba tiegħek għall-mistoqsija Nru. 1 hija "iva", taqbel li jsiru *speed humps* fil-postijiet indikati fuq il-pjanta mehmuża? |
| Le | 0 | |

| | |
|---|---|
| 29 | Numru ta' kwestjonarji mqassma lir-residenti ta' Triq ix-Xagħra Ta' Barra |

5.4.3. Il-persuna konċernata qed jidentifika ruħu bħala avukat li jipprattika f'dan il-qasam u qed jiġbed l-attenzjoni li l-Kunsill jista' jiġi akkużat b'negliġenza kriminali f'każ li jinqala xi nċident.

5.4.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-persuna konċernata.

### 5.5.1. Pubblikazzjoni tad-Tieni Edizzjoni – *Colours of the North* (P/3)

5.5.2. Saret refereza għal ittra datata 4 ta' Jannar 2024, fejn il-Kunsill Reġjonali għarraf li ser jiġi ppubblikat t-tieni edizzjoni – *Colour of the North*. Għaldaqstant kull Kunsill imsieħeb fir-Reġjun Tramuntana ntalab jindika seba' persuni mill-Mellieħa li ġejjin mill-qasam sportiv, artisti, nies tas-sengħa, tobba, membri tal-kleru, persuni nvoluti fil-volontarjat, u ċittadini ordinarji, bil-għan li jiġu ntervistati mill-editur ta' pubblikazzjoni.

5.5.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li jkun hemm il-persuni segwenti:

- Jeffrey Sammut
- Alex Borg
- Josef Borg – Għaqda Mużikali Imperial
- Pawlino Mifsud – Società Filarmonica La Vittoria
- John Camilleri
- Suor Pauline Farrugia
- Ismeria Bartolo

5.5.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jiżdiedu mal-lista:

- Anthony Cutajar
- Mary Vella
- John Debono

### 5.6.1. Pubblikazzjoni tal-ktieb "1942 – "*Malta on the Brink*" (P/2)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Jannar 2024, fejn is-Sur Jeffrey Sammut l-awtur tax-xogħol imsemmi talab l-appoġġ tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex ir-Reġjun Tramuntana jassisti f'din il-pubblikazzjoni billi jixtri numru ta' kotba permezz tal-Fond Kulturali li għandu l-istess Reġjun.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja l-pubblikazzjoni msemmija minħabba l-livell tal-kitbiet tal-awtur imsemmi, billi huma frott tar-riċerka li huwa jagħmel dwar l-istorja riċenti b'laqta lokali. Fid-dawl ta' dan, kien hemm qbil li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Kunsill Reġjonali bil-għan li l-pubblikazzjoni msemmija tibbenefika mill-Fond Letterarju Reġjonali sabiex jinxtraw b'kemm jiswew €2,500 ta' kotba, li jinżammu bin-nofs bejn il-Kunsill Reġjonali u l-Kunsill Lokali.

### 5.7.1. Faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija ta' merkanzija fi Triq Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol XVI)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' Jannar 2024, fejn l-operatur tal-Pergola Club Hotel talab li l-ħinijiet tal-*Un/Loading Parking Bay* jiġu estiżi sal-4:00 pm sabiex jiġu evitati li jiltaqgħu vetturi fl-istess ħin. Il-ħinijiet attwali huma bejn is-7:00am u s-2:00pm.

5.7.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.8.1. Disinn ta' bolla li tissimbolizza l-lokalità (K/7)

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Jannar 2024, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bl-intenzjoni tal-Kunsill Reġjonali u l-Maltapost plc joħorġu bolli li jissimbolizzaw kull lokalità msieħba fl-istess Reġjun. Sar aċċenn li kien hemm sejħa għal artisti li jixtiequ jressqu d-disinn tagħhom,

iżda fil-każ tal-Mellieħa ma kienx hemm ebda sottomissjoni. Għaldaqstant sar appell lill-Kunsilli Lokali rispettivi sabiex iħarju artisti jagħmlu dan.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jibqa' lura milli jindika xi artist jew ieħor, iżda qabel li t-tema għandha tkun l-Ark tas-Santwarju bil-Knisja Arċipretali fl-isfond.

**5.9.1. Spejjeż marbuta mal-Villaġġ tal-Milied 2023** **(A/5/6/3/Vol XVI)**

5.9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li skond rendikont mressaq waqt is-seduta, jirriżulta li l-avveniment imsemmi kien jinvolvi nefqa totali ta' €39,676, illi sad-data tas-seduta kienet tħallset kollha. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsill ser jibbenefika minn għotja ta €16,000 taħt l-iskema SPI/SCI/1/2023, li €12,000 diġà ġew mgħoddija. Huwa qal ukoll li ser tiġi sottomessa d-dokumentazzjoni meħtieġa lid-Diviżjoni tal-Gvern lokali sabiex jitħallsu l-€4,000 li fadal mill-għotja.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Taħditiet dwar is-servizzi finanzjarji** **(T/14)**

5.10.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 26 ta' Jannar 2024, mibgħut mill-Malta Financial Services Authority, fejn għarfu li lest jagħmlu taħditiet għal persuni 'l fuq minn sittin sena, rigward bonds, assigurazzjoni, banek, investimenti, u *scams*, bil-għan li jkun hemm aktar għarfien fuq dan il-qasam.

5.10.3. Il-Kunsill qabel li tali taħditiet jistgħu jingħataw flimkien maċ-Ċentru Anzjanità Attiva fil-Sala tal-Kunsill, filwaqt li jkunu miftuħa għar-residenti in ġenerali.

**5.11.1. Taħriġ dwar persuni b'diżabilità** **(T/14)**

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 25 ta' Jannar 2024 mibgħut mill-Aġenzija Sapport, fejn intqal li l-aġenzija toffri servizz ta' appoġġ ħolistiku lill-familji li għandhom tfal b'diżabilità. L-aġenzija għaldaqstant qed tippromwovi l-programmi ta' taħriġ offruti fi ħdan l-komunità.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jiġi mogħti pubbliċità fil-media soċjali tal-Kunsill.

**5.12.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm** **(M/8/Vol VI)**

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-*mobile blood unit* ser ikun fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 11 ta' Frar 2024, bejn it-8:30am sas-1:00pm, biswit il-Park tal-Familja fi Triq Selmun

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Ħarġiet kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fil-31 ta' Jannar 2024 issir ħarġa għall-Palazz tal-Granmastru fil-Belt Valletta.

5.14.2. Il-Kunsill approva.

5.14.3. Hija ħadet din l-opportunità biex tirringrazzja lill-uffiċjal is-Sinjura Marvic Abela li kienet tikkordina dawn il-ħarġiet u li ser ittemm l-impjieg tagħha mal-Kunsill fis-7 ta' Frar 2024.

**5.15.1. Stat deplorevoli tal-Fortizza ta' Campbell** **(P/5/2/Vol II)**

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għal imejl datat 18 ta' Jannar 2024 fejn persuna ġibed l-attenzjoni dwar l-istat perikoluż tal-istrutturi li fadal wieqfa fil-fortizza msemmija.

5.15.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet, kif ukoll mal-Pulizija.

**5.16.1. Żona pedonali fi Triq Ġużè Flores (T/3/2/Vol XVI)**

5.16.2. Inġibdet l-attenzjoni li t-tabelli PEDESTRIAN ZONE li twaħħlu riċenti fi Triq Ġużè Flores fil-parti bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace, mhumiex indikazzjoni biżżejjed biex jinfurmaw lis-sewwieqa, u għaldaqstant qed ikun hemm uħud li jibqgħu għaddejjin xorta waħda.

5.16.3. Il-Kunsill iddeċieda li temporanjament għandhom jitgħattew it-tabelli, sakemm possibilment jinġieb il-permess ta' Transport Malta ħalli t-triq tingħalaq fiżikament permezz ta' *bollards*.

**5.17.1. Stat tar-*rubber flooring* f'diversi *playing fields* (P/2)**

5.17.2. Il-Kunsill K. Buttigieg irrefera għall-istat tar-*rubber flooring* f'diversi playing fields, partikularment dak ta' Triq l-Ewieħ. Huwa ppropona li ssir sejħa għall-offerti sabiex dawn isiru minn materjal li jiġi applikat fuq il-post, peress li l-madum għandu tendenza li jiċkien bl-effett tax-xemx.

5.17.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta billi ġew ivvutati fondi għal dan il-għan fl-Estimi 2024.

**5.18.1. *Jogging track* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

5.18.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li l-possibiltà li jitferrex il-*mulch* matul il-*jogging track* jidher li mhux daqshekk faċli, u għaldaqstant ippropona li l-art tingħata kisja ramel u siment biex tiġi llixxjata.

5.18.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li fil-*jogging track* isiru sensiela ta' *humps* sabiex l-ilma tax-xita jiġi miksur għall-ġnub tagħha u hekk ma jinġarx il-*mulch* li possibilment jitferrex mill-ġdid matulha aktar 'il quddiem.

5.18.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir żjara fuq il-post qabel titkompla d-diskussjoni fuq dan is-suġġett.

**6.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar illi tgħid:**

**"Billi s-Sinjuri Doriette Fenech Gambin u Marvic De Bono rrinżenjaw mill-impjieġ tagħhom fis-Segretarjat tal-Kunsill;**

**Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;**

**Billi permezz ta' imejl datat 14 ta' Diċembru 2023, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali awtorizza l-ingaġġ ta' żewġ ufficjali ġodda fi Skala 15 fuq bażi *full-time*, skont il-proċedura stabbilita li waslet fi stadju fejn il-Kunsill kien awtorizzat (ref: 392606) li jintervista persuni li wieġbu għas-sejħa pubblika u oħrajn inklużi fl-aħħar lista mgħoddija mill-aġenzija Jobsplus bid-data tal-5 ta' Diċembru 2023;**

**Billi l-Bord tal-Għażla, maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 46 tal-24 ta' Jannar 2023, fir-rapport tiegħu tas-16 ta' Jannar 2024, irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjuri Rosalina Mifsud (I.D. 472971M) u Chantelle Buttigieg (I.D. 443789M), wara li saru l-intervisti kollha;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mal-persuni msemmija b'effett mill-1 ta' Frar 2024.". (P/7/1/Vol VIII)**

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

**7.1. Ristrutturar tal-uffiċjali fl-iskali tal-impjegati fis-Segretarjat tal-Kunsill (P/7/1/Vol XVII)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li l-Bord tal-Għażla ddiskuta l-karigi tal-uffiċjali fis-Segretarjat tal-Kunsill fid-dawl tar-riżenji li kien fl-aħħar sena, kif ukoll bl-irtirar tiegħu. Ġie spjegat li l-Bord qed jirrakkomanda li l-persunal tas-Segretarjat ikun strutturat skond l-iskeda t'hawn taħt:

| | Skala | Numru Attwali fil-kariga | Ristrutturar Propost |
|---|---|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Skala 5 | 1 | 1 |
| Uffiċjal Prinċipali (Deputat Segretarju Eżekuttiv) | Skala 10 | 1 | 1 |
| Uffiċjal Eżekuttiv | Skala 13 | 0 | 1 |
| Skrivan | Skala 14 | 2 | 1 |
| Skrivan | Skala 15 | 1 | 3 |
| | Total | 5 | 7 |

7.2. Fid-dawl ta' dan hekk kif jiġu ngaġġati iż-żewġ uffiċjali fi Skala 15, għandha ssir sejħa għal ħatra ta' uffiċjal wieħed fi Skala 13 billi iniżjalment issir sejħa interna fost l-impjegati tal-Kunsill.

7.3. Intant l-Uffiċjal Prinċipali fi Skala 10 – Marica Gambin - tassumi l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, hekk kif is-Sur C. Debono joħroġ bil-*leave* tal-irtirar b'effett mit-13 ta' April 2023, skont kif provdut fl-Artikli 49 u 53 tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Il-Kunsill kien imfakkar li s-Sinjura Gambin ġiet impjegata mill-Kunsill f'Mejju 1998, filwaqt li ġiet appuntata fi Skala 11 b'effett mill-4 ta' Marzu 2013 u bil-*progression* telgħet għal Skala 10. Il-Kunsill kien innominaha sabiex taqdi l-funzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv b'riżoluzzjoni tas-7 ta' Awwissu 2006, li ġiet kkonfermata għat-tieni darba fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2016. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ġiet mgħarfa b'dan u ħadet nota.

7.4. Il-Kunsill innota l-aġġornament mogħti, filwaqt li approva l-istruttura kif rakkomandata mill-Bord tal-Intervisti.

**8.1. Finanzjament intiż għal titjib ta' toroq rurali permezz tal-Intervent 73.3: Infrastruttura ta' Investimenti Barra mill-Azjenda (Toroq Rurali) taħt il-Politika Agrikola Komuni – Politika Strateġika 2023-2027 (P/10/27)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fis-17 ta' Jannar 2024 ssejħet laqgħa mis-Servizzi Ewropej wara it-tnedija tal-Inizjattiva 73.3, li tinvolvi finanzjament ta' mija fil-mija ta' infrastrutura rurali sabiex tiffaċilità l-aċċess għall-bdiewa. Bħala toroq rurali li jwasslu għall-żoni agrikoli, issemmew is-segwenti:

- Żewġ toroq li minn Triq il-Wilġa jwasslu għall-Ħabel Ċillaq;
- Triq li minn Triq il-Mellieħa (Għajn Żnuber) twassal għall-Miżieb Ta' Ġewwa;
- Triq li minn Triq il-Mellieħa (Ix-Xatba) twassal għall-Miżieb Ta' Ġewwa;

- Triq li minn Triq il-Mellieħa twassal għall-inħawi Tax-Xatba;
- Triq li mit-Telgħa ta' Selmun (Tax-Xemgħa) twassal għall-Miżieb;
- Triq il-Qammieħ mill-Impjant tat-Tisfija tad-Drenaġġ 'l ġewwa: u
- Triq li minn Triq il-Mellieħa (tal-Ħanżira) twassal għat-Triq tal-Prajjet (Qasam Barrani).

8.3. Il-Kunsill qabel li kull triq illi jsir intervent fuqha għandha tkun koperta b'dikjarazzjoni ffirmata mill-bdiewa milquta, fejn jgħidu li jaqblu mal-intervent.

8.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li f'dan l-istadju jeħtieġ li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz tal-perit bil-għan li jiġi kwantifikat ix-xogħol, titfassal il-parti teknika tas-sejħa għall-offerti, u jkun hemm is-superviżjoni u ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet.

**9.1. Skema tal-LESA - Proġetti fil-Komunitajiet 2024 (F/1/7/Vol VI)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-imejl datat 15 ta' Jannar 2024, fejn il-LESA ħabbret li ser tkun qed terġa tinvesti lura fil-komunitajiet b'valur totali ta' tlett miljun ewro imqassma fuq tlett snin, permezz tal-iskema "Proġetti fil-komunitajiet". Din qed issir bis-saħħa ta' ftehim ġdid iffirmat mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Permezz ta' dawn il-fondi, ser ikunu jistgħu isir proġetti, intiżi sabiex ikompli jiġu riġenerati l-lokalitajiet, b'riżultat tanġibbli, għall-ġid taċ-ċittadini. Id-data tal-għeluq hija s-16 ta' Frar 2024, fl-4.00pm.

9.3. Saret referenza wkoll għall-proġett imressaq lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali taħt l-iskema SPI/SCI/1/2023 – Komunitajiet Aktar Siguri u Oganizzati - liema proġett huwa stimat li jiswa €27,317, fejn id-Diviżjoni approvat finanzjament ta' 29% li jammonta għal €7,777.50. Għaldaqstant ġie propost li l-finanzjament ta' dan il-proġett jiġi supplimentat permezz tal-iskema mħabbra mill-LESA.

9.4. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa, skond il-minuta 9.3.

**10.1. Skema (SPI/SCI/1/2024) dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2024/2025 (R/2/Vol III)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-iskema msemmija li tinvolvi xogħlijiet illi jitwettaq direttament mid-Direttorat tar-Restawr u l-Prizervazzjoni. Huwa fakkar li f'Marzu 2022 kienet saret talba sabiex jiġu restawrati, jew jinbidlu ż-żewġ monumenti tal-konkos li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Manikata, li saru fuq disinn tal-Perit Richard England. Saret proposta sabiex din it-talba tiġi mtennija.

10.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**11.1. Estimi Finanzjarji 2024 (F/1/35)**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li permezz ta' imejl datat 15 ta' Diċembru 2023, l-Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern Ċentrali għall-2024, ser tkun €1,386,777, li fil-fatt hija €107,738 iżjed minn dik tal-2023. Ġie spjegat li din iż-żieda sinifikanti hija ntiża l-aktar sabiex tagħmel tajjeb għat-*tipping fees* li jitħallsu lill-Wasteserv, illi mistennija jgħolew minn €40 għal €60 fit-tunnellata fir-rigward tal-iskart imħallat. Dan ifisser żieda ta' 9% fuq l-allokazzjoni tal-2022.

11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-figuri li jidhru fl-estimi ta' natura rikorrenti jirriflettu l-infieq li kien hemm mal-2023 u żviluppi li kien hemm matul l-istess sena li ser jaffettwaw l-istess nefqa, bħalma huma l-ispejjeż tat-*tipping fees* tal-Wasteserv u ż-żieda sinifikanti fuq il-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq ikkawżat għall-qalba lejn l-installazzjoni ta' lampi LED.

11.4. Is-Sur C. Debono rrefera wkoll għal-laqgħa annwali tal-lokalità li seħħet fl-24 ta' Jannar 2024, fejn tqajmu diversi punti, li essenzjalment m'għandhomx jaffettwaw in-nefqa b'mod li jeħtieġ tibdil fl-estimi sottomessi.

11.5. Il-Kunsill approva l-estimi u qabel li għandhom jiġu ppubblikati.

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 29 ta' Jannar 2024.

12.3. Tresqet skeda ta' infieq permezz tal-*petty-cash* li tkopri bejn l-1 u t-30 ta' Diċembru 2023.

12.4. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-27 ta' Diċembru u d-29 ta' Jannar 2024.

12.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: Minuti - Mellieha (gov.mt)

## AĠĠORNAMENT

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10:15 pm, u ġiet aġġornata għal nhar is-27 ta' Frar 2024 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**